MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 127/2003

**Blye Engineering Co. Ltd.**
**vs**

**La Salita Company Limited**
**u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2005, il-Qorti ordna illi l-isem tas-socjeta' konvenuta jigi kancellat u sostitwit bl-isem 'La Salita Leisure Holdings Limited'**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fil-25 ta' Frar, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm2,858.44) prezz ta' kompressur, refrigeration gas u crank case heater mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta skond il-fattura numru 20029 tal-25 ta' Gunju, 2002 (Dok. A).

Bl-imghax kummercjali mid-data tal-fattura u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 402/2003, ipprezentat kontestwalment, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub fl-avviz fl-ismijiet premessi m'huwiex dovut fl-intier tieghu u dan ghar-ragunijiet ili l-makkinarju mibjugh lill-eccipjenti ma baqax jiffunzjona u dan meta kien ghadu taht il-garanzija; l-eccipjenti hallset somma sostanzjali sabiex jigi msewwi l-imsemmi makkinarju u dan wara li s-socjeta' attrici rrifjutat li taghmel dan, kif ser jigi ampjament pruvat waqt il-mori tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda bejgh ta' kompressur mis-socjeta' attrici ghas-socejta' konvenuta, liema kompressur zviluppalu hsarat b'tali mod illi ma setax jintuza u s-socjeta' konvenuta zammet il-pagament dovut.

Irrizulta mill-provi illi permezz ta' fattura tal-25 ta' Gunju, 2002 is-socjeta' attrici bieghet lis-socjeta' konvenuta kompressur *semi sealed* flimkien ma' apparat iehor ghall-ammont totali ta' elfejn, tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm2,858.44). Il-kompressur, intiz ghall-arja kondizzjonata, gie nstallat f'lukanda tas-socjeta' konvenuta minn nies ta' l-istess lukanda, hadem normali ghal xi tliet gimghat u mbaghad waqaf.

Meta Sandro Grima, *chief maintenance officer* tal-lukanda kellem lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, Ray Mallia,

dan ta’ l-ahhar qallu biex jibghat il-kompressur ghand il-manifattur bl-isem DORIN, l-Italja. Peress illi l-kompressur waqaf fl-aqwa tas-sajf, fejn allura l-arja kondizzjonata kienet importanti hafna ghall-operazzjoni tal-lukanda, s-socjeta’ konvenuta gabet *technician* sabiex jirranga l-kompressur, minfejn irrizulta li l-mutur kien haqruq. It-tiswija giet tiswa elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm1,700). Fi kliem l-istess Grima, “ma hadux passi legali kontra Blye Engineering fuq dan il-kompressur.”

Rigward il-garanzija, s-socjeta’ konvenuta qeda tghid illi ma gietx infurmata min kellu jerfa’ r-responsabbilta tal-garanzija u lanqas ma giet moghtija dokumenti. Dan huwa konfermat minn Adrian Buttigieg, a fol. 18, li huwa Direttur tas-socjeta’ konvenuta, fejn informa lill-Qorti li l-kompressur waqaf fl-4 ta’ Awissu, 2002 u li ma sab l-ebda koperazzjoni mis-socjeta’ attrici.

Minkejja li ghaddiet korrispondenza bejn il-partijiet, meta Buttigieg ra li ma kienx qed ikollu koperazzjoni minghand is-socjeta’ attrici, qal lil Ray Mallia biex jigi jigbor il-kompressur. Meta ra li dan ma sarx, Buttigieg qal illi, “… hawnhekk iddecidejt illi naqal l-kompressur u nitfghu fil-garaxx fejn kien ghadu hemm sa’ llum … Ma hadt l-ebda passi ohra …”

Ray Mallia in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici a fol. 29 filwaqt illi jikkonferma illi huwa kkonsenja l-kompressur u jaf illi gratlu hsara, ma jiftakarx illi huwa ddiskuta l-garanzija max-xerrej. Pero’ jekk dan ta’ l-ahhar staqsih, kien ikun qallu. Esebixxa dokument fejn juri illi l-garanzija kellha tigi moghtija mid-ditta DORIN l-Italja. Spjega illi s-socjeta’ konvenuta setghet gabet il-kompressur ghandhom u mbaghad huma jiehduh ghand id-DORIN l-Italja.

Minkejja illi rcevew l-ilment illi l-kompressur waqaf, l-ebda rapprezentant tas-socjeta’ attrici ma mar jispezzjona l-kompressur.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel kwistjoni illi trid tevalwa l-Qorti tirrigwarda l-garanzija ta’ l-oggett mibjugh. Skond is-socjeta’ attrici l-garanzija kellha tinghata mis-socjeta’ estera DORIN u mhux minghanhom u jekk il-merkanzija jkollha xi hsarat hija biss din id-ditta estera awtrorizzata ssewwi fi zmien il-garanzija. Mhux car jekk il-garanzija jew il-modalitajiet taghha gewx diskussi bejn il-partijiet.

It-tieni kwistjoni tikkoncerna l-agir tas-socjeta’ konvenuta meta giet imfaccjata b’merkanzija difettuza fit-termini tal-garanzija u hijiex gustifikata li zzom il-prezz tal-bejgh.

Ikkunsidrat:

Minkejja d-dokument esebit mis-socjeta’ attrici illi l-garanzija hija responsabbilta tas-socjeta’ estera DORIN, is-socjeta’ attrici ma tistax tahrab mir-responsabbilta taghha bhala venditrici li tiggaranixxi l-oggett mibjugh lix-xerrej. Meta l-partijiet ftehmu fuq l-oggett u l-prezz, in-negozju gie konkjus u dahlu f’relazzjoni kuntrattwali bejnithom, fejn is-socjeta’ attrici ghandha tagixxi ‘in buona fede’ u tipprovdi dik il-garanzija statutorja kif rikjest mill-Artikoli 1408 et seguitur tal-Kodici Civili.

X’arrangament ghandha s-socjeta’ attrici mad-ditta estera hija affari taghhhom u ma taffettwax id-drittijiet statutorji tax-xerrej. Ghalhekk, il-bejjiegh ma jistax jahrab mir-responsabbiltajiet tieghu billi jitfaghhom fuq hadiehor meta relazzjonijiet kuntrattwali hija purament bejn il-bejjiegh u x-xerrej. Veru li l-partijiet jistghu jiftehmu illi l-garanzija ma toperax jew inkella topera biss parti minnha.

Skond il-fattura a fol. 2 fil-parti t’isfel hemm il-firma ta’ ricevitur ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta, liema firma qeda hdejn id-dikjarazzjoni, “*received in good order*”. Taht il-firma hemm miktub, “*Sealed compressors are sold without warranty.*” Apparti l-fatt illi skond l-istess dokument il-kompressur in kwistjoni huwa ‘*semi sealed*’, id-dikjarazzjoni illi l-bejgh qed isir minghajr garanzija, hija wahda unilaterali minn naha tas-socjeta’ attrici, peress illi ma hemm xejn x’jindika illi s-socjeta’ konvenuta minbarra illi qed tircievi l-oggett *in good order* qeda wkoll taccetta li

tircevih minghajr garanzija. Ghalhekk, bir-ragun, is-socjeta' konvenuta kellha dritt tippretendi illi l-garanzija kellha terfaghha s-socjeta' attrici u hekk kif ilmentat maghha illi l-oggett ma baqax jiffunzjona fi zmien il-garanzija, s-socjeta' attrici messa hadet passi mmedjati biex tirrimedja. Dan pero' ma sarx u hawnhekk, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju illi mehud in konsiderazzjoni dak li gara bejn il-partijiet, is-socjeta' attrici kienet 'in mala fede'.

Il-Qorti ma tistax tifhem kif is-socjeta' attrici lanqas kellha l-krianza li almenu tibghat xi *technician* ghand is-socjeta' konvenuta biex jara l-hsara x'kienet, u hawn qeda n-nuqqas ta' professjonalita' da parti tas-socjeta' attrici illi ppruvat ukoll tevita t-telefonati u l-korrispondenza illi giet minn naha tas-socjeta' konvenuta. L-ittra tat-8 ta' Awissu, 2002, fejn il-Managing Director tas-socjeta' konvenuta qed jispjega l-ilment lis-socjeta' attrici baqghet minghajr twegiba u kien biss fil-mori ta' din il-kawza illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici Ray Mallia ta xi koncessjoni meta qal, "Anki li kieku l-kompressur gie fl-ufficini taghna u nibaghtuh barra, dejjem ikun a spejjez ta' min xtara. Naturalment jekk imbaghad jirrizulta li l-hsara huwa mputabbli ghal xi difett fil-manifattura, allura f'dak il-kaz il-kumpanija ma tinsistix ghall-hlas tat-trasport." Dan pero' ma jidhirx illi huwa d-diskors illi qal lic-*chief maintenance officer* tas-socjeta' konvenuta, fejn il-messag dejjem kien illi din is-socjeta' kellha tibghat il-kompressur l-Italja a spejjez taghha, haga illi gustament is-socjeta' konvenuta rrifjutat illi taghmel.

Ghalhekk, ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel vertenza bejn il-partijiet, peress illi ma rrizultax illi kien sar xi ftehim bejnithom sabiex il-garanzija ma tinghatax, jew inkella tigi ridotta, l-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici bhala l-venditrici ghandha terfa r-responsabbiltajiet statutorja tal-garanzija fuq l-oggett mibjugh lis-socjeta' konvenuta li, minn naha taghha, ghandha dritt illi ddur fuq is-socjeta' attrici gha-sodisfazzjon ta' din il-garanzija.

Is-socjeta’ attrici ppruvat tahrab minn din ir-responsabbilita u ghalhekk qeda ‘in mala fede’ fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

It-tieni kwistjoni illi trid tikkunsidra l-Qorti f’dan l-istadju hu li mehud in konsiderazzjoni dan in-nuqqas tas-socjeta’ attrici, s-socjeta’ konvenuta kinitx gustifikata illi zzomm l-oggett u ma thallasx ghalih.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn ic-cirkostanzi s-socjeta’ konvenuta kellha diversi ghazliet quddiemha, jew tirrfjuta l-oggett jew li tircevih bi prezz anqas fuq stima ta’ perit (Artikolu 1390, Kap. 16).

It-tieni ghazla giet skartata kompletament, pero’ s-socjeta’ konvenuta qeda tghid illi wara li rrizulta li l-oggett ma kienx tal-kwalita’ mweghda, nfurmaw lis-socjeta’ attrici biex jiehdu lura l-kompressur u waqfu hemm minghajr ma hadu passi ohra (ara xhieda Adrian Buttigieg fol. 18).

Il-Qorti jidhrilha illi hawnhekk is-socjeta’ konvenuta naqset milli tikkawtela d-drittijiet taghha. Peress, illi ladarba s-socjeta’ attrici m’accettatx li tiehu lura l-merkanzija, s-socjeta’ komvenuta kienet fid-dover illi tiddepozitaha formalment taht l-awtorita’ tal-Qorti. Dan, ‘ex admisis’ ma sarx.

Fil kawza riportata fil-volum XVIII part III pagna 59 il-Qorti qalet “Se il compratore riceve la merce e la tratiene senza riclamo, si deve presumere che egli sia sodisfatto della qualita’ della stessa.” Ukoll fil-kawza Buttigieg vs Hurst (Vol XXXII part I pagna 163) inghad, “Jekk l-oggett ma jkunx konformi ghall-ftehim, ma hemmx vizzju redibitorju imma jkun inadempjenza tal-kuntratt, li ma ghandha x’taqsam xejn mall-garanzija tal-vizzji redibitorji. Il-kompratur ghandu dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt meta l-oggett ma jkunx konformi ghall-ftehim avolja jkun ircieva l-oggett tal-bejgh sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt b’fatt tieghu stess.” U hawnhekk, il-Qorti jidhrilha li s-socjeta’ konvenuta tilfet dan id-dritt bil-fatt taghha stess.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Novembru, 1992 fl-ismijiet Attard Brothers vs Direttur ta' l-Edukazzjoni, l-Qorti qalet illi d-Dipartiment ma setax izomm l-oggett meta kien jaf illi dana kien difettuz, kellu jew jirritorna l-merkanzija jew inkella jiddepozitaha l-Qorti. Ladarba d-Dipartiment iddecieda li jzomm il-merkanzija, allura kellu jhallas il-prezz intier. Dana nonostante illi hawnhekk ukoll l-atturi gew iddikjarati in mala fede meta huma ma lahqux ir-rikjesti tad-Dipartiment.

L-istess inghad fil-kawza fl-ismijiet Frederick Micallef et vs M. A. Sullivan deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novembru, 2002 fejn il-konvenuta zammet il-merkanzija ordnata bid-difetti taghha u naqset milli tiehu prekawzjonjiet legali biex tikkawtela d-drittijiet taghha. Dan in-nuqqas gie kkunsidrat bhala rinunzja tad-drittijiet u ghalhekk, ladarba dawn gew irremedjalment ippregudikati, kellha thallas il-prezz intier (ara wkoll L&D Attard Comapnay Limited vs Eurometal Company Limited Appell deciz fit-28 ta' Jannar, 2005 u Modern Circuits Limited vs Mark Borg, Qorti Nferjuri deciza fis16 ta' Dicembru, 2003).

Ghalhekk, il-Qorti tiddeciedi illi minkejja li s-socjeta' attrici ma onoratx l-obbligazzjonijiet statutorji taghha fl-ghoti tal-garanzija, s-socjeta' konvenuta minn naha l-ohra ma kkawtelatx id-drittijiet taghha billi tiddepozita formalment il-merkanzija in kwistjoni u ladarba baqghet fil-pussess taghha, minghajr ma hadet passi, allura f'dak il-kaz ma setghetx izomm il-merkanzija u tirrifjuta illi thallas.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha s-somma ta' elfejn, tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm2,858.44) prezz ta' kompressur, refrigeration gas u crank case heater lilhom mibjugha u kkonsenjati skond il-fattura numru 20029 tal-25 ta' Gunju, 2002.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------